MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 476/2004

**Stephen Micallef bhala mandatarju specjali ta' Santo Onnis**

**vs**

**Emmanuel Spiteri**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur ippremetta:

L-attur biegh u kkonsenja lill-konvenut skuna tas-sajd bl-isem ta' *"Gabbiano Uno"*.

Il-konvenut huwa debitur ta’ l-attur fis-somma ta’ hamsa u sittin elf seba’ mija u seba’ u ghoxrin Euro (E 65727) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ tali skuna.

L-konvenut, interpellat sabiex ihallas dan l-ammont, baqa’ inadempjenti, u,

Dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk huma applikabbli l-Artikoli 167 *et sequitur* ta’ Kodici ta’ Procedura Civili.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. taqta’ u tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh *a tenur* ta’ l-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta’ Procedura Civili kif intqal fuq:

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ekwivalenti ghal hamsa u sittin elf, seba’ mija u seba’ u ghoxrin Euro (E 65727) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ skuna tas-sajd mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet l-Avukat ta’ l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------